VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 61 tal-2016

ATT TAL-1980 DWAR IR-REVIŻJONI TAL-LIĠIJIET STATUTARJI (ATT NRU. IX TAL-1980)

Ordni tal-2016 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji, Kap. 325)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7(3) tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, il-Kummissjoni tal-Liġijiet qed tagħmel din il-korrezzjoni.

Korrezzjoni fl-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji. Kap. 325.

1. Fit-tifsira "kumpannija kwalifikanti" fis-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji għandha ssir korrezzjoni billi minflok il-kliem "fl-artikolu 3(1)(a) sa (k)" għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikolu 3(1)(a) sa (l)".

Bidu fis-seħħ.

2. Il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali stabbilixxa l-10 ta' Novembru, 2015, bħala d-data li fiha l-korrezzjoni magħmula mill-Kummissjoni tal-Liġijiet u ppubblikata f'dan l-Avviż Legali għandha tibda' sseħħ.